4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifka ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedure

6.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy

għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern onlajn **biss** f'dan l-indirizz: (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-employment history). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-settur pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti;

jistgħu jiġu aċċessati fl-indirizz (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, 38, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru tal-fax u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (www.family.gov.mt) u (recruitment.family@gov.mt).

L-10 ta' Ottubru, 2025

and Children's Rights, through the Online Government Recruitment Portal **only** at the following address: (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 24th October 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of public sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents;

may be viewed by accessing the address (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Ministry for Social Policy and Children's Rights, 38, Ordnance Street, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address, fax number and email address of the receiving Directorate are (www.family.gov.mt) and (recruitment.family@gov.mt).

10th October, 2025

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Opportunitajiet ta' Karriera

Il-missjoni tal-Awtorità dwar il-Mediċini hi li tipproteġi s-saħħa pubblika permezz tar-regolamentazzjoni tal-prodotti mediċinali u l-attivitajiet farmaċewtiċi. L-Awtorità dwar il-Mediċini qed tfittex li timpjega:

Junior Administrator
(Permess tal-Jobsplus Numru 415/2024)

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (hr.medicinesauthority@gov.mt) sa nofsinhar tas-Sibt, 18 ta' Ottubru, 2025.

L-10 ta' Ottubru, 2025

MALTA MEDICINES AUTHORITY

Career Opportunities

The mission of the Malta Medicines Authority is to safeguard public health through the regulation of medical products and pharmaceutical activities for human use. The Malta Medicines Authority is seeking to employ:

Junior Administrator
(Jobsplus Permit Number 415/2024)

Further information may be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Applications are to be submitted by email to (hr.medicinesauthority@gov.mt) by not later than noon of Saturday, 18th October, 2025.

10th October, 2025

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami meħtieġ għall-applikazzjoni għall-Awtorizzazzjoni għall-persuni li jagħmlu Installazzjoni tal-Elettriku Awtorizzazzjoni A u B – Lulju 2025

Pubblikazzjoni tar-riżultat finali

Id-Dipartiment tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie pubblikat u wieħed jista' jmur jarah il-Customer Care, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-10 ta' Ottubru, 2025

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Authorisation examination required for the application of Authorisation of a service provider for Electrical Installations Authorisation A & B – July 2025

Publication of final result

The Department of Examinations notifies that the final result of the above-mentioned examination has been published and may be seen at the Customer Care, Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana and at the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo during office hours.

10th October, 2025

KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

It-43 Pagament tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq iħabbar li qed iqassam it-tlieta u erbgħin pagament tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (Public Lending Rights) lil dawk l-awturi, illustraturi jew fotografi li l-kotba tagħhom ġew mislufa mil-Libreriji Pubbliċi f'Malta u Għawdex bejn l-1 ta' Lulju u t-30 ta' Settembru, 2025.

Il-lista ta' dawn il-persuni bis-self relatat mal-kotba tagħhom u t-total ta' ħlas issibhom hawnhekk: (https://ktieb.org.mt/mt/uncategorized-mt/hareg-it-43-pagament-tal-jeddijiet-tas-self-pubbliku/).

L-10 ta' Ottubru, 2025

NATIONAL BOOK COUNCIL

The 43rd PLR Payment

The National Book Council would like to announce that the 43rd PLR (Public Lending Rights) payment is being distributed to authors, illustrators and photographers whose books were borrowed from Public Libraries in Malta and Gozo in the period covering from 1st July to 30th September, 2025.

The list of all recipients, the relevant books and the total remuneration can be found here: (https://ktieb.org.mt/public-lending-rights/the-43rd-plr-payment-is-out/).

10th October, 2025

FORZI ARMATI TA' MALTA

Eżerċizzju ta' Taħriġ ta' Sparar fuq il-Baħar – Gunex 01/2025

1. Il-Forzi Armati ta' Malta jgħarrfu li taħriġ ta' sparar attiv se jsir fi ħdan LMD-01 Pembroke Ranges jew LM-D05 mit-3 sas-7 ta' Novembru, 2025. It-taħriġ tal-isparar attiv se jibda fit-8.00 a.m. u jispiċċa sa mhux aktar tard mis-6.00 p.m. fid-dati kollhja. It-taħriġ se jikkonsisti fi sparar navali.

2. L-eżerċizzjoni huwa pjanat li jibda mit-3, 4, 5 u 6 ta' Novembru bis-7 tkun dežinjata bħala reserve date u se tkun użata f'każ li t-taħriġ sekdat ma jkunx komplut fil-ħin, minħabba temp ħażin.

3. Attivazzjoni ta' Danger Areas (kif muri f'paragrafu 4): LMD-01 u LMD-05 se jkun attivat kuljum, imma f'ħinijiet differenti, minħabba li danger area waħda se tkun attivata fi kwalinkwe ħin. Il-ħinijiet tal-attivazzjoni pjanata għaż-żewġ żoni hija provduta hawn taħt. Skeda dettaljata tal-ħinijiet se tkun maħruġa qrib id-data.

a. LMD-01 (mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m.)
b. LMD-05 (mit-8.00 a.m. sas-6.00 p.m.)

4. Range boundaries għal LMD-01 Pembroke High u Temporary Danger Area LMD-05 tkun kif ġej:

LMD-01 Pembroke High

Range Area – 35º 55.90'N 014º 28.53'E
Circular Exclusion – 8.5 NM radius
Vertical Clearance – 27,000ft
Arc of fire bearings – 335° to 060° True
Firing Area – 85º settur taż-żona (jiddependi fuq it-temp)

Temporary Danger Area LM-D05

Range Area – N35˚30.5 E014˚11.0
Circular Extension – 8 NM radius
Vertical Clearance – 27,000ft
Arc of fire bearings – 190° to 270°True
Firing Area – 80º settur taż-żona (jiddependi fuq it-temp)

5. Meta l-isparar f'LMD-01, safety channel għat-traffiku tal-baħar jitħalla mix-xatt sad-distanza ta' 4NM. Għalhekk, meta LMD-01 ikun attivat sparar attiv se jsir biss lejn il-baħar fiż-żona tas-settur minn 4NM sa 8.5 NM mix-xatt.

6. It-twissijiet proċedurali kollha se jiġu mxandra partikolarment relatat mat-Temporary Danger Area 'il barra mix-xatt.

ARMED FORCES OF MALTA

Live Firing Practice Exercise at Sea – Gunex 01/2025

1. The Armed Forces of Malta notifies that gunnery live firing practice shoot will be taking place within LMD-01 Pembroke Ranges or LMD-05 from the 3rd through to the 7th November 2025. The gunnery live practice shall commence at 8.00 a.m. and end no later than 6.00 p.m. on all dates. The practice will consist of naval gunnery.

2. The exercise is planned to run on the 3rd, 4th, 5th and 6th November with the 7th being designated as a reserve date and will be used in case the scheduled practice is not completed in time, due to inclement weather.

3. Activation of the Danger Areas (as outlined in paragraph 4): Both LMD-01 and LMD-05 will be activated daily, but at different times, as only one danger area will be active at any given time. The planned activation timings for both areas are provided below. A detailed timing schedule will be issued closer to the date.

a. LMD-01 (from 8.00 a.m. to 6.00 p.m.)
b. LMD-05 (from 8.00 a.m. to 6.00 p.m.)

4. Range boundaries for both LMD-01 Pembroke High and Temporary Danger Area LMD-05 shall be as follows:

LMD-01 Pembroke High

Range Area – 35° 55.90'N 014° 28.53'E
Circular Exclusion – 8.5NM radius
Vertical Clearance – 27,000ft
Arc of fire bearings – 335° to 060° True
Firing Area – 85° sector of the zone (depending on prevalent weather)

Temporary Danger Area LMD-05

Range Area – N35°30.5 E014°11.0
Circular Extension – 8 NM Radius
Vertical Clearance – 27,000ft
Arc of Fire Bearings – 190° to 270° True
Firing Area – 80° sector of the zone (depending on prevalent weather)

5. When firing in LMD-01, a safety channel for marine traffic shall be left from the shoreline up to a distance of 4NM. Therefore, when LMD-01 is activated gunnery practice will only take place seawards within the sector area from 4NM to 8.5NM from the shoreline.

6. All standard procedural warnings will be broadcast, particularly with regards to the temporary danger area offshore.

7. MATS għandhom jattivaw LMD-01 'Pembroke high' jew LMD-05 matul il-ħinijiet imsemmija.

L-10 ta' Ottubru, 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsiru sondaġġi permezz ta' droni f'din il-lokalità kif indikat:

Birżebbuġa – mit-22 ta' Ottubru sat-28 ta' Novembru, 2025

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

L-10 ta' Ottubru, 2025

DIPARTIMENT TAT-TEŻOR

Ngħarrfu li Agius and Associates, rappreżentata minn Daniel Agius, ġiet mogħtija direct order għall-provvista ta' żewġ (2) officers li jaħdmu erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa kull wieħed għat-Treasury CFMS Help Desk. Dan il-kuntratt huwa għal perjodu ta' sitt (6) xhur li jibda mill-1 ta' Settembru, 2025 sat-28 ta' Frar, 2026, b'rata ta' €29.48 għaż-żewġ individwi. Il-ħlas totali kif mniżżel fil-kuntratt ma jaqbiżx €30,659.20 eskluża VAT.

Dan l-avviż huwa ppubblikat skont ir-Reg. 111 (2) tar-Regolamenti tal-Akkwist Pubbliku A.L 352 tal-2016.

L-10 ta' Ottubru, 2025

TECH.MT

Lista ta' direct orders mogħtija minn Tech.mt matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2025 u t-30 ta' Ġunju, 2025, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (A.L. 352/2016).

L-10 ta' Ottubru, 2025

Data Approvata	Isem tal-Kuntrattur	Nota	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża
Approval Date	*Contractor's Name*	*Note*	*Contract Value Excl. VAT*
20/03/2025	Connected Intelligence Limited	Masterclass Session for Web Summit	€12,500.00
23/04/2025	MLT s.r.o	Exhibition Stand Construction for GITEX Berlin and London Tech Week 2025	€167,300.00

7. MATS is to activate LMD-01 Pembroke high and/or LMD-05 during the above timings.

10th October, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following locality on the respective dates:

Birżebbuġa – from 22nd October to 28th November, 2025

Any queries should be directed to (geomatics@pa.org.mt).

10th October, 2025

TREASURY DEPARTMENT

It is hereby notified that Agius and Associates, represented by Daniel Agius, has been awarded a direct order for the provision of two(2) Officers on a forty(40) hour week each to the Treasury CFMS Help Desk. This contract is for a period of six(6) months as from 1st September, 2025 to 28th February, 2026 at the rate of €29.48 for two individuals. The total remuneration as outlined in the contract shall not exceed €30,659.20 excluding VAT.

This notice is published in terms of Reg. 111 (2) of the Public Procurement Regulations L.N. 352 of 2016 as amended by LN 155 of 2017 and 233 of 2017.

10th October, 2025

TECH.MT

List of direct orders awarded by Tech.mt during the period between 1st January, 2025 and 30th June, 2025, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

10th October, 2025

KUNSILL LOKALI TA' KERĊEM

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem jgħarraf illi l-pjazez imsemmija se jkunu magħluqin għat-traffiku u l-parkeġġ kif indikat hawn taħt:

Pjazza Santa Luċija, Santa Luċija, Ta' Kerċem, nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ottubru, 2025 minn nofsinhar sa nofsillejl.

Pjazza Salvatore Busuttil, Ta' Kerċem, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, 2025 mit-8.00 a.m. sa nofsillejl.

L-10 ta' Ottubru, 2025

TA' KERĊEM LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ta' Kerċem Local Council notifies that the mentioned squares will be closed to traffic and parking as indicated below:

Pjazza Santa Luċija, Santa Luċija, Ta' Kerċem, on Friday, 10th October, 2025 from noon to midnight.

Pjazza Salvatore Busuttil, Ta' Kerċem, on Friday, 24th October, 2025 from 8.00 a.m. to midnight.

10th October, 2025

KUNSILL LOKALI L-MARSA

Sospensjoni ta' Traffiku

Il-Kunsill Lokali l-Marsa jgħarraf illi t-toroq imsemmija se jkunu magħluqa għat-traffiku kif indikat hawn taħt:

Parti minn Triq Belt il-Ħażna, nhar il-Ħamis, 23 ta' Ottubru, 2025 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m. u l-moll tal-knisja, nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Ottubru, 2025 mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m.

Uffiċjali tal-immaniġġjar tat-traffiku se jkunu fil-postijiet biex jiddevjaw it-traffiku.

L-10 ta' Ottubru, 2025

MARSA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Marsa Local Council notifies that the mentioned streets will be closed to traffic as indicated below:

Part of Triq Belt il-Ħażna, on Thursday, 23rd October, 2025 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m. and the church wharf on Friday, 24th October, 2025 from 7.00 a.m. to 7.00 p.m.

Traffic management officers will be on site to divert the traffic flow.

10th October, 2025

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Irmunkar ta' Vettura

Il-Kunsill Lokali Marsaskala jgħarraf illi vann abjad ta' għamla Volkswagen mingħajr numru ta' reġistrazzjoni u liċenzja skaduta li kien ipparkjat għal perjodu twil fi Triq iz-Ziju, ġiet irmunkata mill-Kunsill Lokali Marsaskala fl-1 ta' Ottubru, 2025, u meħuda għand Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, wara tmint ijiem ta' notifika skont il-finijiet ta' Artikolu 8A, tal-Avviż Legali 94 tal-1977 kif emendat bl-Avviż Legali 123 tal-2001 u Subsidiary Legislation 65.13 (Regolament dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru).

Jekk sidha ma jmurx għaliha fiż-żmien stipulat mil-liġi, din il-vettura se tiġi skrappjata.

L-10 ta' Ottubru, 2025

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Towing of Vehicle

The Marsaskala Local Council notifies that a white van of model Kia Grande with no registration number and with an expired licence which was parked for a long period in Triq iz-Ziju, was towed by the Marsaskala Local Council on 1st October, 2025, and taken to Ta' Robba Recycling Plant, Ħal Kirkop, after being notified for 8 days as in virtue of Section 8A, of Legal Notice 94 of 1977 as amended by Legal Notice 123 of 2001 and Subsidiary Legislation 65.13 (Traffic Regulations regarding Clamping and Removal of Encumbering Objects).

If the owner of the said vehicle does not show up within the stipulated timeframe according to law, the said vehicle will be scrapped.

10th October, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 30 ta' Ottubru, 2025.

*Avviż Nru. 34. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-Ħanut vojt tale quale f'Nru. 1, fiċ-Ċentru Ċiviku, Triq San Kataldu ir-Rabat Malta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.13_87_2_A. Il-kerrej prezenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €18,325 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' sitt elef u mija u wieħed ewro (€6,108) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru. 35. Bejgħ tale quale ta' store bl-arja mhux inkluża f'Nru. 18, Row E3, lil hemm minn Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_81_7_18. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €10,100 kif stipulat filkundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u għaxart elef ewro (€110,000) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

L-10 ta' Ottubru, 2025

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 30th October, 2025.

*Advt No. 34. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Shop tale quale No. 1, at Civic Centre, Triq San Kataldu, Rabat Malta as shown edged in red on plan P.D.13_87_2_A. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €18,325 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of six thousand and one hundred and eight Euros (€6,108) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 35. Sale tale quale of a Store without it own airspace at No. 18, Row E3, off Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara as shown edged in red on the plan P.D.11_81_7_18. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €10,100 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and ten thousand Euros (€110,000) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advertisements appearing for the first time

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

10th October, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 13 ta' Ottubru, 2025.

ERU0610U25 – Medicinal
ERU0610U25A – Medicinal
ERU0610U25B – Medicinal
ERU0610U25C – Medicinal
ERU0610U25D – Medicinal
ERU0610U25E – Medicinal
ERU0710U25 – Medicinal
ERU0710U25A – Medicinal
ERU0710U25B – Devices
ERU0710U25C – Devices
ERU0710U25D – Medicinal
ERU0710U25E – Medicinal
ERU0710U25F – Medicinal
ERU0710U25G – Medicinal
ERU0710U25H – Medicinal
ERU0710U25I – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-10 ta' Ottubru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 14 ta' Ottubru, 2025.

ERU0810U25 – Medicinal
ERU0810U25A – Medicinal
ERU0810U25B – Medicinal
ERU0810U25C – Medicinal
ERU0810U25D – Medicinal
ERU0810U25E – Medicinal
ERU0810U25F – Medicinal
ERU0810U25G – Medicinal
ERU0810U25H – Medicinal
ERU0810U25I – Medicinal
ERU0810U25J – Medicinal
ERU0810U25K – Medicinal

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 13th October, 2025.

ERU0610U25 – Medicinal
ERU0610U25A – Medicinal
ERU0610U25B – Medicinal
ERU0610U25C – Medicinal
ERU0610U25D – Medicinal
ERU0610U25E – Medicinal
ERU0710U25 – Medicinal
ERU0710U25A – Medicinal
ERU0710U25B – Devices
ERU0710U25C – Devices
ERU0710U25D – Medicinal
ERU0710U25E – Medicinal
ERU0710U25F – Medicinal
ERU0710U25G – Medicinal
ERU0710U25H – Medicinal
ERU0710U25I – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

10th October, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. Tuesday, 14th October, 2025.

ERU0810U25 – Medicinal
ERU0810U25A – Medicinal
ERU0810U25B – Medicinal
ERU0810U25C – Medicinal
ERU0810U25D – Medicinal
ERU0810U25E – Medicinal
ERU0810U25F – Medicinal
ERU0810U25G – Medicinal
ERU0810U25H – Medicinal
ERU0810U25I – Medicinal
ERU0810U25J – Medicinal
ERU0810U25K – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-10 ta' Ottubru, 2025

AQUATIC RESOURCES MALTA

Aquatic Resources Malta, tgħarraf illi:

Kwotazzjonijiet jintlaqgħu minn Aquatic Resources Malta sa nofsinhar tat- Tnejn. 20 ta' Ottubru. 2025, għal:

Kwot. Nru (ARM/0325/2025). 'Control Function' b'rabta mal-Proġett HighGel (Referenza Nru. C1-1.1-4) taħt il-Programm INTERREG Italia – Malta 2021-2027 għall-Aquatic Resources Malta.

Kwot. Nru (ARM/0072/2025). 13-il 'automatic belt feeders' b'rabta mal-Proġett HighGel (Referenza Nru. C1-1.1-4) taħt il-Programm INTERREG Italia – Malta 2021-2027 għall-Aquatic Resources Malta.

Id-dokumenti huma minghajr hlas.

Provdiduri interessati ghandhom jibaghtu ittra elettronika lil (procurement.arm@gov.mt) jew icemplu fuq +356 2292 6900 biex jiksbu d-dokument tas-Sejha tal-Kwotazzjonijiet.

L-10 ta' Ottubru, 2025

KUNSILL LOKALI MARSAXLOKK

Il-Kunsill Lokali Marsaxlokk jgħarraf li:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Marsaxlokk permezz tal-ePPS sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Erbgħa, 12 ta' Novembru, 2025, għal:

Avviż Nru MXLC 05/2025. Servizzi ta' konsulent tat-teknoloġija informatika lill-kunsill lokali ta' Marsaxlokk.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Ottubru, 2025

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

10th October, 2025

AQUATIC RESOURCES MALTA

Aquatic Resources Malta notifies that:

Quotations will be received by Aquatic Resources Malta up to noon of Monday, 20th October, 2025, for:

Quot. No. (ARM/0325/2025). Control Function in connection with the Project HighGel (Reference No. C1-1.1-4) under the INTERREG Italia - Malta Programme 2021-2027 for Aquatic Resources Malta.

Quot. No (ARM/0072/2025). 13 automatic belt feeders in connection with the Project HighGel (Reference No. C1-1.1-4) under the INTERREG Italia - Malta Programme 2021-2027 for Aquatic Resources Malta.

Documents are free of charge.

Interested suppliers are to send an email to (procurement.arm@gov.mt) or call on +356 2292 6900 to obtain the Request for Quotations Document

10th October, 2025

MARSAXLOKK LOCAL COUNCIL

The Marsaxlokk Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Marsaxlokk Local Council through ePPS, up to 10.00 a.m. of Wednesday, 12th November, 2025, for the:

Advt No. MXLC 05/2025. Services of an IT consultant to the Marsaxlokk local council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th October, 2025

KUNSILL LOKALI L-MUNXAR

Il-Kunsill Lokali l-Munxar jgħarraf li:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru, 2025, jintlaqgħu offerti fil-Kunsill Lokali l-Munxar permezz tal-ePPS, għal:

Avviż Nru MXR/07/2025. Provvista, konsenja u installazzjoni ta' dawl dekorattiv tat-triq fi Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallier, ix-Xlendi, il-Munxar, Għawdex b'mod li ma jagħmilx ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aħħar waħda vantaġġjuża.

L-10 ta' Ottubru, 2025

MUNXAR LOCAL COUNCIL

The Munxar Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Munxar Local Council through ePPS up to 10.00 a.m. on Friday, 7th November, 2025, for:

Advt No. MXR/07/2025. Supply, delivery and installation of decorative street lighting in Triq ir-Rumani and Triq il-Kavallieri, Xlendi, Munxar, Gozo in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

10th October, 2025

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2538

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fil-15 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 13/2025 fl-ismijiet Joseph Vella KI 69146G vs L-Awtorità tal-Ippjanar u l-kjamat in kawża, Peter Paul Debono KI 014075G, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Peter Paul Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell Nru. 13/2025 ippreżentat fl-14 ta' April, 2025 l-appellant Joseph Vella ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-27 ta' Marzu, 2025 bl-aggravji: 1) it-Tribunal imsemmi ta deċiżjoni żbaljata u rraġjonevoli b'nuqqas ta' aderenza mal-Policy P4 Applying Height to Width Ratio in Urban Conservation Areas u P6 Transition Design Solutions tal- Linji Gwida DC 15 — it-Tribunal lanqas biss indirizza l-aggravju rigward in-nuqqas ta' aderenza mal-Policy P4 fi Sqaq ta' Xaman b'deċiżjoni nieqsa minn motivazzjoni; 2) Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija żbaljata wkoll għaliex ikkommettiet misinterpretazzjoni u naqset milli taderixxi mal-Policy P39 tal-Linji Gwida DC 2015 Setback Floors in Urban Conservation Areas; 3) Id-deċiżjoni appellata hija żbaljata u rraġjonevoli ukoll għaliex tippekka f'nuqqas ta' aderenza mal-Oggettivi 2.4 u 8.7 tal-iSPED, nuqqas ta' aderenza mal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta, nuqqas ta ' ġustifikazzjoni raġjonevoli għall-iskartar

By means of a decree given by the Court of Appeal, Inferior jurisdiction, on the 15th July, 2025, in the records of Application Number 13/2025 in the names Joseph Vella ID 69146G vs Planning Authority and the party called into suit, Peter Paul Debono ID 014075G, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Peter Paul Debono in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap 12.

In Appeal Application No. 13/2025 filed on the 14th April, 2025 the appellant Joseph Vella felt aggrieved by the decision of the Environment and Planning Review Tribunal of the 27th March, 2025 on the grounds that: 1) the said Tribunal pronounced an erroneous and irrational decision of non-adherence to the Policy P4 applying height to width ratio in Urban Conservation Areas and P6 Transition Design solutions of Guidelines DC 15 — the Tribunal did not even address the grievance regarding non-adherence to Policy P4 in Xaman Lane with a decision lacking motivation; (2) the Tribunal's decision is also incorrect because it misinterpreted and failed to adhere to Policy P39 of the 2015 DC Guidelines setback floors in Urban Conservation Areas; 3) the contested decision is also erroneous and irrational because it errs through non-adherence to Objectives 2.4 and 8.7 of the SPED, non-adherence to Article 72 of Chapter 552 of the Laws of Malta, lack of reasonable justification for disregarding the expertise of the Superintendence of Cultural

tal-opinjoni esperta tas-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali rigward it-twaqqigħ tal-partijiet kulturalment importanti u l-għoli, il-massing u I-volum tal-iżvilupp.

Għaldaqstant, l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi u sottomissjonijiet kollha ġa prodotti u magħmula quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u filwaqt li jirriżerva d-dritt li jressaq dawk il-provi u sottomissjonijiet kollha lilu permessi skont il-liġi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar hawn fuq referita. L-appellant jitlob ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u ġusti, inkluż ir-revoka tal-permess inkwistjoni peress li mhux konformi mal-Pjan Lokali u Policies oħrajn rilevanti.

Ir-Rikors numru 13/2025 fl-ismijiet Joseph Vella KI 69146G vs L-Awtorità tal-lppjanar u l-kjamat in kawża, Peter Paul Debono jinsab iddifferit għal nhar il-15 ta' Ottubru, 2025 tissejjaħ fit-8.30 a.m.

NOTIFIKA: Peter Paul Debono - Pawlu s-Sigla Farmhouse, No 1, Triq il-Qala, il-Qala, QLA 1234, Għawdex.

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri) , illum, 7 ta' Ottubru, 2025.

DOTT. F. BONDIN LLD, M.JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Heritage regarding the demolition of culturally important parts and height, massing and volume of development.

Therefore, the appellant, whilst referring to all the evidence and submissions already produced and made before the Environment and Planning Review Tribunal and whilst reserving the right to bring forward all the evidence and submissions permitted to him according to law, respectfully requests this Honourable Court to cancel and revoke the decision pronounced by the Environment and Planning Review Tribunal above referred to. The appellant also asks this Honourable Court to issue all those provisions it deems fit and just, including the revocation of the permit in question as it is not in line with the Local Plan and other relevant policies.

Application number 13/2025 in the names Joseph Vella ID 69146G vs Planning Authority and the party called into suit, Peter Paul Debono has been deferred for hearing to the 15th October 2025 to be called at 8.30 a.m.

NOTIFICATION: Peter Paul Debono - Paul Sigla Farmhouse, No 1, Triq il-Qala, Qala, QLA 1234, Gozo.

Registry of the Courts of Appeal (Inferior jurisdiction), this day, 7th October 2025.

DR FRANCO BONDIN LLD, M.JUR.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2539

B'digriet tat-3 ta' Ottubru, 2025 mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, Din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Ċivili (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta'Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn 35º14º Capital SCC p.l.c. bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 taġixxi għan-nom ta' Cell Couros fl-1 ta' Ottubru, 2025 qed tintalab tpaċija ta' l-ammont ta' €101,400 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 54/24 fl-ismijiet 35˚14˚ Capital SCC plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C105417 vs Owen Sciberras KI161275M miżmum taħt l-Awtorita' ta' din il-Qorti fil-25 ta' Settembru, 2025.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettal ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u ssomom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejjha fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u

By a decree of the 3rd October, 2025 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Article 338 (1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by 35º14º Capital SCC p.l.c. with the registration number C105417 acting on behalf of Cell Couros on the 1st October, 2025 approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €101,400 following judicial sale by auction 54/24 in the names 35°14° Capital SCC plc with the registration number C105417 vs Owen Sciberras ID161275M held under the Authority of the said Court on the 25th September, 2025.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for

l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tlieta, 7 ta' Ottubru, 2025.

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Tuesday, 7th October, 2025.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2540

ARB/C061/2025– VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Settembru, 2025 mill-Qorti Kriminali – (Onor. Imħallef. Dott. Natasha Galea Sciberras LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

LUCIANO CURTI;

CD LIFTS LIMITED;

U

DANIEL ELLUL SULLIVAN, salesman, ta' 54 sena iben il-mejjet Roger Ellul Sullivan u Marcellina Ellul Sullivan xebba Fava, imwieled Tas-Sliema, Malta fis-17 ta' Jannar, 1971 u residenti ġewwa 'Phyllis', Blk J, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun u/jew 'Penthouse', Sqaq is-Siġra, San Ġiljan u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 45671M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil DANIEL ELLUL SULLIVAN li jipperċepixxi l-ammont stabbilit mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,191 permezz tal-Avviż Legali 31 tal-2024 – Ordni tal-2024 li Jistabbilixxi l-Ammont Massimu Rilaxxjabbli lil Persuni li jkunu Soġġetti għal Ordnijiet ta' Sekwestru jew għal Ordnijiet ta' Qbid u Iffriżar taħt l-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, ta' wieħed u għoxrin elf, disa' mija u ħamsa u erbgħin ewro (€21,945) kull sena bħala l-ammont massimu. Dan il-ħlas għandu jsir mill-paga dovuta lilu mill-impjieg tiegħu, u mill-kont bankarju intestat f'ismu li jispiċċa -0042 miżmum mal-Bank of Valletta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dott. Lara Lanfranco Law LLD) fil-5 ta' Mejju, 2025 li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' Mejju, 2025 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru

ARB/C061/2025 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th September, 2025 given by the Criminal Court – (Hon Dr Natasha Galea Sciberras LLD), in the case:

The Republic of Malta

Versus

LUCIANO CURTI;

CD LIFTS LIMITED;

AND

DANIEL ELLUL SULLIVAN, salesman, 54 years, son of the late Roger Ellul Sullivan and Marcellina Ellul Sullivan née Fava, born in Sliema, Malta on the 17th January, 1971 and residing at 'Phyllis', Blk J, Triq Giovanni Barbara, Ħamrun and/or 'Penthouse', Sqaq is-Siġra, St. Julian's and holder of Maltese Identity Card bearing number 45671M.

The Court AUTHORISED DANIEL ELLUL SULLIVAN to perceive the amount established by the Minister by order in the Government Gazette of Malta No. 21,191 through Legal Notice 31 of 2024 – Establishment of Maximum Amount which may be Released to Persons who are Subject to Attachment Orders or to Seizing and Freezing Orders under the Proceeds of Crime Act Order, 2024, of twenty-one thousand, nine hundred and forty-five euro (€21,945) annually as the maximum amount. That this payment shall be made from the salary due to him from his employment, and from the bank account registered in his name ending in -0042 and held at the Bank of Valletta plc.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Lara Lanfranco Law LL.D.) on the 5th May, 2025 which was published in the Government Gazette on the 9th May, 2025 where the

f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' Luciano Curti, Cd Lifts Limited, u DANIEL ELLUL SULLIVAN.

Illum, 7 ta' Settembru, 2025

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Luciano Curti, Cd Lifts Limited, and DANIEL ELLUL SULLIVAN.

Today, 7th September, 2025

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2541

ARB/C096/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-23 ta' Settembru, 2025 mill-Qorti Kriminali – (Onor. Imħallef Dott. Natasha Galea Sciberras LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MARY-LOUISE ATTARD née TONNA, diżokkupata, ta' 48 sena, bint il-mejjet Emanuel Tonna u Maria Carmela Tonna xebba Xerri, imwielda Tal-Pietà, Malta fil-25 ta' Jannar, 1977, residenti ġewwa 156, Triq Ġuże Ellul Mercer, Swatar, L-Imsida u detentriċi ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 142677M.

U

ONE TELECOM LIMITED, inkorporata fit-8 ta' Jannar, 2008 bin-numru tar-reġistrazzjoni Malti C 43281 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala, Ramla Bay Court, Flat 21, Triq ta' Gajdoru, ix-Xagħra.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputati MARY-LOUISE ATTARD née TONNA li tħallas lis-socjetà Bonnici Insurance Agency is-somma ta' €430.40, rappreżentanti €210.40 bħala ħlas ta' premium ta' tiġdid, u s-somma ta' €220 bħala ħlas għal-liċenzja tat-triq, b'rabta mal-vettura msemmija fid-digriet tal-Qorti datat 23 ta' Settembru, 2025, proprjetà tas-socjetà ONE TELECOM LTD. Illi dan il-ħlas għandu jsir mill-kont bankarju intestat f'isem Mary-Louise Attard li jispiċċa bin-numru -9001 u miżmum mal-HSBC Bank Malta plc.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 36 (4) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dott. Donatella Frendo Dimech LLD) fl-20 ta' Diċembru, 2021, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta' Diċembru, 2021 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn

ARB/C096/2021 – VARIATION OF SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 23rd September, 2025 given by the Criminal Court – (Hon. Dr Natasha Galea Sciberras LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

MARY-LOUISE ATTARD née TONNA, unemployed, 48 years, daughter of the late Emanuel Tonna and Maria Carmela Tonna née Xerri, born in Tal-Pietà, Malta on the 25th January, 1977, residing at 156, Triq Ġuże Ellul Mercer, Swatar, Msida and holder of Maltese Identity Card bearing number 142677M.

AND

ONE TELECOM LIMITED, incorporated on the 8th January, 2008 with Maltese registration number C 43281 and registered address at Ramla Bay Court, Flat 21, Triq ta' Gajdoru, Xagħra.

and on the West by property of a certain Paul known with the nickname "Ganni tà Gejzej" whose surname is unknown to the plaintiffs or more correct boundaries, and the other measuring approximately three hundred and ten square metres (310 sq.m.) or more precise measurements, and bounded on the North by Triq Tal-Bwier, on the West partly by property of Martin Cauchi known with the nickname "Ganuno" and partly by property of Franco Azzopardi known as Tas-"Sekk", on the East and South by property of Franco Azzopardi known as Tas-"Sekk" or more correct boundaries;

ii. Illi l-imsemmija artijiet iddevolvew fuq ir-rikorrenti mill-wirt u suċċessjoni ta' Lorenzo Grima u Teresa Grima li mietu rispettivament fis-16 ta' Diċembru, 1959 u fit-2 ta' Marzu, 1990, u dan kif ser jiġi spjegat aħjar fil-kors tal-kawża kif ukoll dwar is-sehem li għandhom kull wieħed mill-partijiet, u l-proprjetà ilha miżmuma in komun bejn il-partijiet għal ferm iktar minn tliet (3) snin;

ii. That the said lands devolved on the applicants from the inheritance and succession of Lorenzo Grima and Teresa Grima who died respectively on the 16th December, 1959 and 2nd March, 1990, and this as shall be better explained during the course of the case as well as regarding the share held by each of the parties, and the property has been held in common between the parties for well over three (3) years;

iii. Illi r-rikorrenti sabu l-opportunità li jbiegħu dawn il-biċċtejn raba', u daħlu f'konvenju mal-attur l-ieħor Carmelo sive Charlie u martu Giovanna Azzopardi għall-bejgħ tal-istess artijiet fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu elfejn u tlieta u għoxrin (2023), liema konvenju juri wkoll l-għadd ta' ishma involuti, kif ukoll il-pattijiet u kondizzjonijiet li taħthom ser isir dan il-bejgħ, kopja ta' liema flimkien mal-prokuri u mal-pjanti qegħdha tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dokument 'A';

iii. That the applicants found the opportunity to sell these two lands, and entered into a preliminary agreement with the other plaintiff Carmelo sive Charlie and his wife Giovanna Azzopardi for the sale of the same lands on the twenty fifth (25) of August two thousand and twenty three (2023), which promise of sale also shows the number of shares involved, as well as the terms and conditions under which this sale is to be made, a copy of which together with the powers of attorney and the plans is hereby attached and marked as document "A";

iv. Illi r-rikorrenti mhumiex f'pożizzjoni illi jbiegħu l-intier tal-proprjetà li tagħha huma ko-proprjetarji stante li l-konvenuti Annemarie Vella u Mary Sciberras, ulied il-mejta Catherine Vella, li flimkien huma s-sidien tal-kwota ta' parti minn tlettax il-partijiet (1/13) indiviżi ma tawx il-kunsens tagħhom għal dan il-bejgħ, u għalhekk ir-rikorrenti qed jipprevalixxu ruħhom mill-artikolu 495A tal-Kapitolu XVI tal-Liġijiet ta' Malta biex il-bejgħ relattiv għall-intier jiġi approvat u esegwit b'ordni ta' din l-Onorabbli Qorti;

iv. That the applicants are not in a position to sell the whole of the property of which they are co-owners since the defendants Annemarie Vella and Mary Sciberras, children of the late Catherine Vella, who together are the owners of the share of one from thirteen (1/13) undivided shares did not give their consent for this sale, and thus the applicants are availing themselves of Article 495A of Chapter XVI of the Laws of Malta so that the sale relative to the whole be approved and executed by order of this Honourable Court;

v. Illi r-rikorrenti bejniethom għandhom il-kwota maġoritarja ta' tnax minn tlettax il-partijiet indiviżi (12/13), liema prospett juri wkoll il-valur ta' kull kwota li għandhom il-partijiet mill-prezz pattwit max-xerrejja kif jitlob l-artikolu 495A(2) tal-Kap. XVI;

v. That the applicants between them have the majority share of twelve from thirteen (12/13) undivided shares, which prospectus also shows the value of each share which the parties have from the price agreed with the purchasers as required by Article 495A(2) of Cap. XVI;

vi. Illi l-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà huwa fil-fehma tal-esponenti ġust u reali, u jirrifletti l-prezz tas-suq, kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tal-AIC John Saliba mmarkat 'C';

vi. That the price of sale of the property is, in agreement by the applicants, just and real, and reflects the market price, as results from the attached certificate of AIC John Saliba marked "C";

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, jgħidu l-intimati l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Thus and in view of the above, the respondents state why this Honorable Court should not:

1. TAWTORIZZA l-bejgħ skont il-pattijiet u kondizzjonijiet indikati fil-konvenju tad-29 ta' Jannar, 2022, imsemmi hawn fuq;

2. TIFFISSA d-data, ħin u lok fejn għandu jiġi ppubblikat l-istess kuntratt ta' bejgħ;

3. TINNOMINA lin-Nutar Anna Maria Mizzi ħalli tippubblika l-att pubbliku relattiv;

4. TIKKONFERMA lill-kuratur deputat maħtur f'dawn il-proċeduri sabiex jidher fuq l-att pubbliku relattiv ħalli jirrappreżenta l-interessi tal-assenti Annmarie Vella u Mary Sciberras;

5. TAGĦTI dawk id-direzzjonijiet u l-ordnijiet lin-Nutar Pubbliku nominat sabiex tiddepożita s-sehem spettanti lill-intimati dissidenti mir-rikavat tal-istess bejgħ awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti.

U dan kollu taħt dawk il-provvedimenti li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar il-Erbgħa, 5 ta' Novembru, 2025 fit-08:00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Illum, 8 ta' Ottubru, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribuanli (Għawdex)

1. AUTHORISE the sale in accordance with the terms and conditions indicated in the promise of sale dated 29th January, 2022, mentioned above;

2. APPOINTS the date, time and place where the same contract of sale is to be published;

3. NOMINATES Notary Anna Maria Mizzi to publish the relative public deed;

4. CONFIRM the deputy curator appointed in these procedures to appear on the relative public deed to represent the interests of the absent Annmarie Vella and Mary Sciberras;

5. GIVE those directions and orders to the Notary Public nominated to deposit the share due to the dissident respondents from the proceeds of the same sale authorised by this Honourable Court.

And all this under those provisions that this same Honourable Court deems fit and opportune.

With all costs against the respondents summoned so that a reference to their evidence be made.

The application is appointed for hearing for Wednesday 5th of November 2025 at 08:00 a.m.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

This, 8th of October, 2025

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2556

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fis-6 ta' Ottubru, 2025 (Rikors numru 101/2025) rikors ta' Joan Rosemary Scanlon et fejn intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Eileen Elizabeth Fitzgerald, xebba, bint il-mejtin Michael Fitzgerald u Ellen Fitzgerald née Wallace, imwielda Wesmeath, l-Irlanda u mietet ir-Rabat, Għawdex fil-11 ta' Jannar, 2025 (Passaport numru Irlandiż PI3009360) liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' Bernardette Fitzgerald, Barry Fitzgerald, Regina Greene née Fitzgerald, Gerald Fitzgerald, Conor Fitzgerald u Christopher Fitzgerald, fi kwota ta' wieħed minn erbgħa u għoxrin (1/24) sehem indiviż kull wieħed, a favur ta' Eileen Patricia Fitzgerald, Michael Fitzgerald, Joan Rosemary

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 6th of October, 2025 (Application number 101/2025) by Joan Rosemary Scanlon et, the opening of the SUCCESSION was requested of Eileen Elizabeth Fitzgerald, spinster, daughter of the late Michael Fitzgerald and Ellen Fitzgerald née Wallace, born in Westmeath, Ireland and died in Victoria, Gozo on the 11th of January, 2025 (Irish Passport number PI3009360) which opening of succession is to be made in favour of Bernardette Fitzgerald, Barry Fitzgerald, Regina Greene née Fitzgerald, Gerald Fitzgerald, Conor Fitzgerald and Christopher Fitzgerald, in a quota of twenty-four (1/24) undivided shares each, in favour of Eileen Patricia Fitzgerald, Michael Fitzgerald, Joan Rosemary Scanlon nee' Fitzgerald,

Scanlon née Fitzgerald, Patrick Fitzgerald, Caroline Ryan née Fitzgerald, David Fitzgerald u Lesley Neumann née Fitzgerald fi kwota ta' wieħed minn tmienja u għoxrin (1/28) sehem indiviż kull wieħed, a favur ta' Gwendoline Murray, Geraldine Majella Jasinski née Murray, Lorraine Murray fi kwota ta' wieħed minn tnax (1/12) sehem indiviż kull wieħed u a favur Vivian Flynn, Audrey O'Brien nee' Flynn, Gloria Murray u Tara Seymour Spiller fi kwota ta' wieħed minn sittax (1/16) sehem indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum, 8 ta' Ottubru, 2025

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Patrick Fitzgerald, Caroline Ryan nee' Fitzgerald, David Fitzgerald and Lesley Neumann née Fitzgerald in a quota of twenty eight (1/28) undivided shares each, in favour of Gwendoline Murray, Geraldine Majella Jasinski née Murray, Lorraine Murray in a quota of one twelfth (1/12) undivided shares each and in favour of Vivian Flynn, Audrey O'Brien nee' Flynn, Gloria Murray and Tara Seymour Spiller in a quota of one sixteen (1/16) undivided shares each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today, the 8th of October, 2025

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2557

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru, 2025, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fit-3 ta' Ottubru, 2025 ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta

Banns for Curator

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 3rd of October, 2025, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effects of the law it may serve as a notification in accordance with article 931 et sequitur of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 3rd of October, 2025, it was ordered that a deputy curator be appointed in accordance

lill-intimat Bela Zoltan Major, li l-indirizz tiegħu jew fejn qed joqgħod mhux magħruf mir-rikorrenti, u dan fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf persuna milli tieħu minuri barra minn Malta, bin-numru 19/2023 BS fl-ismijiet "Timea Horvath vs Bela Zoltan Major" liema mandat ġie ippreżentat fl-14 ta' Marzu, 2023 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti. Fl-imsemmi mandat qed jiġi mitlub illi l-Qorti tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn huwa jiġi ordnat milli jieħu jew jippermetti lil xi ħadd jieħu liż-żewġ minuri msemmija fil-mandat barra minn Malta.

Inti għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, 8 ta' Ottubru, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur , għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

with the law to represent Bela Zoltan Major, whose place of residence or whereabouts is not known to the applicant, in the acts of the warrant of prohibitory injunction to prevent a person from taking a minor out of Malta, having number 19/2023 BS in the names "Timea Horvath vs Bela Zoltan Major" which warrant was presented on the 14th of March, 2023 in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts. In the said warrant, it is being requested that the Court orders the issuance of the injunction against the respondent whereby he is ordered from taking or allowing anyone to take the two minors mentioned in the warrant out of Malta.

You are hereby ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wishes to enter as a curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so wishes.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the time above given, this Court will proceed to appoint a curator of the office. And after you have done so, or if you encounter any obstacles in the execution of these banns, you are to inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section above mentioned under the signature of Magistrate Dr Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Magistrate of the above-mentioned Court.

This 8 of October, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2558

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi), fl-24 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 2/25MH, fl-ismijiet: BNF Bank plc gja Banif Bank vs Uffiċju għall-irkupru tal-Assi et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (asset Recovery Section), on the 24th September, 2025, in the records of Sworn application number 2/25MH, in the names: BNF Bank plc gja Banif Bank vs Asset Recovery Office et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: BNF Bank plc ġja Banif Bank (C41030) vs Uffiċju għall-irkupru tal-Assi et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi) fit-23 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-għoti tas-self u l-assikurazzjoni u x-xiri tal-proprjetà seħħew qabel l-24 ta' Marzu, 2021 ossija qabel ma nħarġet kontra l-klijenti l-ordni t'iffriżar, li minnha segwew l-ordnijiet ta' konfiska u di più qabel Ottubru tas-sena 2020, fejn skont is-sentenzi kriminali kienu nbdew ir-reati rilevanti mill-klijenti;

2. Tiddikjara li l-proprjetà ġiet finanzjata bis-self konċess minnha, filwaqt li l-assikurazzjoni saret biss b'relazzjoni mas-self, dan kif muri fil-kuntratti fuq imsemmija;

3. Tiddikjara li d-drittijiet tal-esponenti fuq il-proprjetà u l-assikurazzjoni huma riżultat ta' tranżazzjoni kummerċjali ġenwina u li fil-mument tat-tranżazzjoni, ma kien hemm ebda ħjiel li tali proprjetà u assikurazzjoni setgħu kienu soġġetti għall-konfiska;

4. Tiddikjara li l-pożizzjoni tal-istess esponenti f'din l-istorja kollha, hi waħda bona fide għall-aħħar u wkoll hi terz bi drittijiet leġittimi fuq il-beni tal-klijenti, b'mod partikolari l-proprjetà u l-assikurazzjoni;

5. Di konsegwenza tiddikjara u eventwalment tordna, li l-proprjetà u l-assikurazzjoni mhumiex soġġetti għall-ordnijiet ta' konfiska iżda għad-drittijiet tal-esponenti, u li l-istess esponenti tista' liberament tinforza l-garanziji li tgawdi fuqhom u eventwalment titħallas permezz ta' dak li jsegwi;

6. Tagħti l-awtorizzazzjoni sabiex il-kumpaniji li ħarġu l-poloz kwantu l-assigurazzjoni, ossija Global Capital Life Insurance Limited ġja LifeStar Insurance Limited u Gasan Mamo Insurance jirċievu l-premia komplessiv ta' €414.43 relattivi għall-istess poloz;

7. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrulha xierqa fiċ-ċirkostanzi

Ir-Rikors Ġuramentat numru 2/25MH fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għal-4 ta' Diċembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimati:

Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi, Directories Building, 1, Triq il-Pitkali, Marsa

By means of an application in the names: BNF Bank plc gja Banif Bank (C41030) vs Asset Recovery Office et filed in the Civil Court, First Hall (Asset Recovery Section) on the 23rd January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the granting of the loan and insurance and the purchase of the property took place before the 24th March, 2021 or rather before the freezing order was issued against the clients, from which they followed the confiscation orders and di piu' before October 2020, where according to the criminal judgments the relevant crimes had been initiated by the clients;

2. Declare that the property was financed by the loan granted by it, whilst the insurance was made only in relation to the loan, this as shown in the contracts above mentioned;

3. Declare that the applicant's rights on property and insurance are the result of a genuine commercial transaction and that at the time of the transaction, there was no indication that such property and insurance could have been subject to confiscation;

4. Declare that the position of the same applicant in this whole story, is a bona fide one and is also a third party with legitimate rights on the assets of the clients, in particular property and insurance;

5. Consequently declare and eventually order, that the property and insurance are not subject to confiscation orders but to the rights of the interpellant, and that the same interpellant can freely enforce the guarantees she enjoys on them and eventually be paid by means of what follows;

6. Grant authorisation so that the companies which issued the policies as regards insurance, that is global Capital life Insurance Limited gja Lifestar Insurance Limited and Gasan Mamo Insurance receive the total premia of €414.43 relative to the same policies;

7. Give all those provisions it deems fit in the circumstances

The Sworn application number 2/25MH in the names mentioned above is postponed for hearing to the 4th December, 2025, at 9.30 a.m.

Notify respondents:

Asset Recovery Office, Directories Building, 1, Triq il-Pitkali, Marsa

Uffiċju tal-Avukat tar-Republika, Admiralty House, 53, Triq Nofsinhar, Valletta

Kummissarju tal-Pulizija, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Furjana

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 8 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Office of the Attorney General, Admiralty House, 53, Triq Nofsinhar, Valletta

Commissioner of Police, Police General Headquarters, Floriana

Registry of the Superior Courts, today 8th, October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2559

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fit-18 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 255/2025AD, fl-ismijiet: Charmaine Attard et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Charmaine Attard (703461M) et vs l-Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Ġunju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li minħabba raġunijiet premessi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;

2. Tiddikjara li minħabba raġunijiet premessi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

3. Tillikwida danni materjali minħabba li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom liema likwidazzjoni għandha tieħu konsiderazzjoni l-lezjoni ġja sofferta u l-piż eċċessiv li kellhom iġorru l-esponenti minħabba d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Tillikwida d-danni morali spettanti lill-esponenti minħabba tali leżjoni;

5. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 255/2025AD fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għas-7 ta' Novembru, 2025, fid-9.20 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 18th September, 2025, in the records of the Sworn application number 255/2025AD, in the names: Charmaine Attard et vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Charmaine Attard (703461M) et vs the State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 26th June, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that for the reasons premised their fundamental rights as sanctioned in Article 1 of the First Protocol of the European Convention on Human Rights and Article 37 of the Constitution were violated;

2. Declare that for the reasons premised their fundamental rights as sanctioned in Article 6 of the European Convention on Human Rights and Article 39 of the Constitution have been violated;

3. Liquidate material damages because their fundamental rights were violated which liquidation should take into consideration the injury suffered and the excessive burden that the interpellants had to bear due to the provisions of Chapter 69 of the Laws of Malta;

4. Liquidate the moral damages due to the applicant due to such lesson;

5. Condemn the State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages in terms of law.

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 255/2025AD in the names mentioned above is postponed to 7th November, 2025, at 9.20 a.m.

Notifika Intimat:

Alfred Pace Bellizi (1086844M), 43H, Sain Paul's Buildings, Triq il-Punent, Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification respondent:

Alfred Pace Bellizi (1086844M), 43H, Sain Paul's buildings, Triq il-Punent, Valletta

Registry of the Superior Courts, today, 8th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2560

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Ottubru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 717/2025MS, fl-ismijiet: Emily Pippa Fusini-Davison et vs Ping Zhang, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Emily Pippa Fusini-Davison (70654A) et vs Ping Zhang (passaport ċiniż YB7633023) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-11 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimata ma kellha l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex l-istess intimata ma tersaqx għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kompro-vendita skont it-termini u kundizzjonijiet tal-konvenju fuq imsemmi;

2. Tiddikjara li b'hekk, bl-applikazzjoni ta' dak provdut fil-paragrafu 3.2 tal-istess konvenju, l-istess intimata tilfet id-dritt tagħha fuq id-depożitu minnha mħallas u li attwalment jinsab fil-kustodja tan-Nutar Roland Wadge;

3. Tiddikjara li b'konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti irrevokabilment għandhom id-dritt li jirċievu u jagħmlu tagħhom l-istess depożitu;

4. Tordna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' tnejn u sittin elf ewro (EUR 62,000) ġia depożitati għand in-Nutar Roland Wadge, jew sabiex tirtira tali somma li l-istess Nutar Roland Wadge ikun iddepożita taħt l-Awtorità ta' dina l-Onorabbli Qorti, jekk ikun il-każ;

5. Tiddikjara li l-intimata hija responsabbli għar-rimbors tas-somma ta' tliet elef sitt mija u tmienja u ħamsin ewro (EUR 3,658) favur ir-rikorrenti, b'rabta mas-senserija li r-rikorrenti spiċċaw iħallsu minħabba l-fatt li dan il-bejgħ ma seħħx għal raġuni imputabbli lill-intimata;

6. Sussegwentement tillikwida din is-somma ta' tliet elef sitt mija u tmienja ħamsin ewro (EUR 3,658) favur ir-rikorrenti, u tordna lill-intimata tħallas din is-somma lir-rikorrenti;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 2nd October, 2025, in the records of the Sworn application number 717/2025MS, in the names: Emily Pippa Fusini-Davison et vs Ping Zhang, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Emily Pippa Fusini-Davison (70654A) et vs Ping Zhang (Chinese passport YB7633023) filed in the Civil Court, First Hall on the 11th July, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the respondent had no valid reason at law so that the same respondent does not come forward for the publication of the contract of sale according to the terms and conditions of the preliminary agreement above mentioned;

2. Declare that thus, in application of that provided in paragraph 3.2 of the same preliminary agreement, the same respondent lost her right on the deposit paid by her and which is presently in the custody of Notary Roland Wadge;

3. Declare that as a consequence of this the applicants irrevocably have the right to receive and make theirs the same deposit;

4. Order the respondent to pay the applicant the sum of sixty two thousand euro (EUR 62,000) already deposited with Notary Roland Wadge, or to withdraw such sum that the same Notary Roland Wadge has deposited under the Authority of this Honourable Court, if the case may be;

5. Declare that the respondent is responsible for the reimbursement of the sum of three thousand six hundred fifty eight euro (EUR 3,658) in favour of the applicant, in connection with the brokerage that the applicants ended up paying due to the fact that this sale did not take place for a reason imputable to the respondent;

6. Subsequently liquidate this sum of three thousand six hundred fifty eight euro (EUR 3,658) in favour of the applicant, and order the respondent to pay this sum to the applicant;

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 717/2025MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għat-30 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat:

Ping Zhang (passaport ċiniż YB7633023), 165, Westwood, Flat 5, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 8 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With all costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 717/2025MS in the names mentioned above is postponed to 30th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent:

Ping Zhang (Chinese passport YB7633023), 165, Westwood, Flat 5, Triq il-Ferrovija l-Qadima, Ħal Balzan

Registry of the Superior Courts, today 8th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2561

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), fid-29 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 12/2022/1MS, fl-ismijiet: Tabib Dottor Victor Azzopardi et vs Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Tabib Dottor Victor Azzopardi (694351M et vs Avukat tal-Istat et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza n-notifika tal-att preżenti u kull att sussegwenti permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini l-Art 187 (3) tal-Kap 12 b'dan illi gazzetta waħda lokali tkun suffiċjenti.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 12/2022/1MS fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għat-3 ta' Novembru, 2025, fl-9.45 a.m.

Notifika Intimat:

Mary Lourdes Caruana (228555M), 22, Triq il-Maċina, l-Isla

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 8 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 29th September, 2025, in the records of the Sworn application number 12/2022/1MS, in the names: Doctor doctor Victor Azzopardi et vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Doctor doctor Victor Azzopardi (694351M et vs State Advocate et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 19th September, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Authorise the service of the present act and any subsequent act by means of posting and publication in terms of Art 187 (3) of Chapter 12 provided that one local newspaper is sufficient.

The Sworn application number 12/2022/1MS in the names mentioned above is postponed to 3rd November, 2025, at 9. 45 a.m.

Notification respondent:

Mary Lourdes Caruana (228555M), 22, Triq il-Maċina, Senglea

Registry of the Superior Courts, today 8th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2562

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2025, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-9 ta' Ottubru, 2025 ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-sid/sidien, werriet/werrieta mhux magħrufa u ċioè l-persuni intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola liema ċedola ġġib in-numru 334/2025 fl-ismijiet "Noel Scerri proprio et nomine vs kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sid/sidien, werriet/werrieta mhux magħrufa u ċioè l-persuni intitolati sabiex jirċievu ċ-ċens annwu u perpetwu indikat fl-istess ċedola ippreżentata fl-24 ta' Settembru, 2025 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

Porzjon art magħrufa bħala Tan-Naħla, fil-limiti tal-Għasri, Għawdex, konfinanti ma' terzi, tal-kejl ta' komplessiv ta' ħamest elef, tmien mija u tnax-il metru kwadru (5,812 m.k.), kif indikat fuq site-plan annessa mal-istess ċedola, u liema proprjetà hija soġġetta għall-ekwivalenti llum ta' ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€1.27c) ċens annwu u perpetwu, u liema ċens ir-rikorrenti jridu jifdu ai termini tal-artikolu 1501 tal-Kodiċi Ċivili, u liema ammont kapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal ħamsa u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€25.40c), li uniti ma' ħlas ta' tnax-il ewro u sebgħin ċenteżmu (€12.70c) ħlas ta' għaxar snin arretrati ta' ċens jammontaw għal total ta' tmienja u tletin ewro u għaxar ċenteżmi (€38.10c), li qed jiġi depożitat biex kull min għandu jedd għalih jista' liberament jirtira wara li jħalli d-debita riċevuta.

Inti, uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għal daqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 9 October, 2025, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 9 October, 2025 it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown owner/owners, unknown heir/heirs, and namely the persons entitled to receive of the annual and perpetual ground rent of the immovable property described hereunder in the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 334/2025 in names "Noel Scerri proprio et nomine vs deputy curator to represent the unknown owner/owners, unknown heir/heirs, and namely the persons entitled to receive of the annual and perpetual ground rent of the immovable property described hereunder, which schedule of deposit was filed on the 24th September 2025 in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable property subject of this schedule of deposit is:

A portion of land known as Tan-Naħla, within the limits of Għasri, Gozo, bordering third parties, measuring a total of five thousand, eight hundred and twelve square metres (5,812m2), as indicated on the site-plan annexed to the same schedule, and which property is subject to the equivalent today of one euro and twenty-seven cents (€1.27c) annual and perpetual ground rent, and which ground rent the applicants wish to redeem in terms of article 1501 of the Civil Code, and which amount capitalised at the rate of 5% amounts to twenty-five euros and forty cents (€25.40c), which together with a payment of twelve euros and seventy cents (€12.70c) being a payment of ten years of arrears of ground rent, amount to a total of thirty-eight euros and ten cents (€38.10c), which is being deposited so that anyone entitled to it can freely withdraw it upon tendering due receipt.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone

irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda ta' Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum, 9 ta' Ottubru, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

who wants to enter as a curator to appear within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that they so accept.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Brigitte Sultana LL., LLM. (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

Today, the 9 October, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2563

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fid-9 ta' Lulju, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 33/2020ISB, fl-ismijiet: Skyfirst Limited (C52518) vs Sunshine Aviation Limited (C63892), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' digriet mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, għar-rigward tal-Avviż ta' smigħ ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri għal din il-kawża u billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għal nhar id-19 ta' Novembru 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat:
Sunshine Aviation Limited (C63892), Vjal il-21 ta'Settembru, in-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 9 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 9th July, 2025, in the records of the Sworn application number 33/2020ISB, in the names: Skyfirst Limited (C52518) vs Sunshine Aviation Limited (C63892), the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of a decree of the Civil Court, First Hall, as regards the Notice of hearing of a cause issued by the Registry Superior Courts for this cause and whereas the written procedures before the Civil Court, First Hall, in the cause in the names above mentioned, have been closed, the Court fixed the hearing of this cause on the 19th November, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent:
Sunshine Aviation Limited (C63892), Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar

Registry of the Superior Courts, today 9th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2564

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), fid-29 ta' Settembru, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 319/2025ISB, fl-ismijiet: Grant's Properties Limited et vs Josette Cucciardi et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Grant's Properties Limited (C10960) et vs Josette Cucciardi (176173M) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Awwissu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Knvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi li l-lokazzjoni vigenti tal-fond bl-isem Hairmode ġia Parpignol ġia Blak, Triq John F. Marks, San Ġwann, a favur tal-intimati Josette Cucciardi u Neville Cilia, u l-provvedimenti tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Att X tal-2009 u ligijiet oħra vigenti jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u b'hekk huma nulli u/jew inapplikabbli in konfront tar-rikorrenti għar-rigward tal-proprjetà de quo;

3. Konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skont il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inter alia billi tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti ma humiex obbligati jġeddu l-kirja tal-fond bl-isem Hairmode gia Parpignol gia Blak, Triq John F. Marks, San Ġwann, a favur tal-intimati Josette Cucciardi u Neville Cilia, u b'hekk tiddikjara għalhekk illi r-rikorrenti huma ntitolati jirriprendu l-pussess sħiħ tal-istess fond;

4. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji sofferti mir-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn inter alia ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tas-soċjetà inkwilina, stante li l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction), on the 29th September, 2025, in the records of the Sworn application number 319/2025ISB, in the names: Grant's properties Limited et vs Josette Cucciardi et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Grant's properties Limited (C10960) et vs Josette Cucciardi (176173M) et filed in the Civil Court, First Hall (Constitutional jurisdiction) on the 27th August, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare and decide that facts above mentioned constitute a violation of the fundamental rights of the applicants as sanctioned in the First Article of the First Protocol of the European Convention made part of the law of Malta by virtue of the European Convention Act (Cap 319 of the Laws of Malta);

2. Consequently declare and decide that the vigorous lease of the premises with the name Hairmode gia Parpignol gia BLAK, Triq John F. Marks, San Ġwann, in favour of the respondents Josette Cucciardi and Neville Cilia, and the provisions of Chapter 69 of the Laws of Malta, Act X of 2009 and other vigorous laws violate the fundamental rights of the applicants as sanctioned in Article 1 of the First Protocol of the European Convention and thus are null and/or inapplicable against the applicant as regards the property de quo;

3. Consequently give those orders, issue those acts, and give those directives that it deems fit to carry out or ensure the fulfilment of the fundamental rights of the applicants as guaranteed under the Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, inter alia by declaring and deciding that the applicants are not obliged to renew the lease of the premises with the name Hairmode gia Parpignol gia BLAK, Triq John F. Marks, San Ġwann, in favour of the respondents Josette Cucciardi and Neville Cilia, and thus declares that the applicants are entitled to take back the full possession of the same premises;

4. Declare and decide that the State Advocate is responsible for compensation and pecuniary and non-pecuniary damages suffered by the applicant due to the facts above explained where inter alia a fair balance was not created between the rights of the owners and those of the lessee company, since the lease was forced in terms of Chapter 69 of the Laws of Malta and Act X of 2009, among

tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni;

5. Tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, oltre l-imgħax legali ai termini tal-liġi sad-data tal-pagament effettiv;

6. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati ai termini tal-liġi, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 319/2025ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għal-10 ta' Diċembru, 2025, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat:

Josette Cucciardi (176173M), Hairmode, Triq John F. Marks, San Ġwann

Neville Cilia (304774M), Hairmode, Triq John F. Marks, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Ottubru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

other infringements, it does not reflect the market or the rental value of the property in question;

5. Liquidate the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as suffered by the applicant, besides legal interest in terms of law till the date of effective payment;

6. Condemn the State Advocate to pay the applicant the same compensation and pecuniary and non-pecuniary damages as liquidated in terms of law, with legal interest from the date of filing of the present cause till the date of effective payment;

With all costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 319/2025ISB in the names mentioned above is postponed to 10th December, 2025, at 9.30 a.m.

Notification respondent:

Josette Cucciardi (176173M), Hairmode, Triq John F. Marks, San Ġwann

Neville Cilia (304774M), Hairmode, Triq John F. Marks, San Ġwann

Registry of the Superior Courts, today 9th October, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2565

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tat-3 ta' Ottubru, 2025, u dan wara Rikors b'numru 936/2025, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, li jagħmel il-korrezzjonijiet jew annotazzjonijiet mitluba fuq l-Att tat-Twelid ta' Glara Jiyee Ahn meta dan jiġi biex ikun reġistrat ġewwa Malta sabiex isem ir-rikorrenti jiġi mibdul b'annotazzjoni minn "JI YEE" għal "GLARA JIYEE".

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, l-Erbgħa, 8 ta' Ottubru, 2025

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 3rd October, 2025, and upon an application numbered 936/2025, ordered:

To the Director of the Public Registry, to make the necessary corrections or annotations on the Act of Birth of Glara Jiyee Ahn when it is to be registered in Malta, so that the name of the applicant is changed by annotation from "JI YEE" to "GLARA JIYEE".

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Wednesday 8th October, 2025

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603